MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 566/2004/1

**JJS Developers Limited u Joseph Cachia**

**v.**

**Malla Developers Limited, li kien jisimha**
**JJS Developers Gozo Limited;**
**San Lawrenz Leisure Resort Limited u Joseph**
**Baldacchino**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti dwar "provvediment" moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili in data tal-21 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha dik il-Qorti rriteniet u ddecidiet hekk:
"Din il-kawża hija dwar allegazzjoni ta' simulazzjoni ta' kuntratt. Dan il-provvediment tallum huwa dwar eċċezzjoni — imressqa mill-konvenuti *Malla Developers Limited* u Joseph Baldacchino — ta' inkompetenza minħabba l-*privilegium fori* taħt l-art. 741, 745(*f*), 767 u 768 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħidu hekk:

**"741.** L-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata -
… … …
"(*ċ*) meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari.

**"745.** Għall-kompetenza bejn qorti u oħra ta' Malta, minħabba residenza preżunta tal-partijiet li jkunu assenti jew inkapaċi, jew tal-korpi magħquda jew kull korp ieħor li jkollu personalità ġuridika distinta meta l-kawża ma tkunx, għal raġunijiet oħra, ta' kompetenza esklużiva ta' waħda mill-qrati hawn fuq imsemmija, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:
… … …
"(*f*) il-korpi magħquda jew kull korp ieħor li jkollu personalità ġuridika distinta jitqiesu li għandhom ir-residenza fil-lok fejn joqgħod wieħed jew ieħor mir-rappreżentanti tagħhom;

**"767.** Il-benefiċċju msemmi fl-artikolu 741(*ċ*) hu mogħti lill-persuni li joqogħdu fil-Gżira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gżira, u lil dawk li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gżejjer.

**"768.** (1) Meta l-għadd tal-konvenuti li joqogħdu f' Malta huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, kull wieħed mill-konvenuti li joqgħod Malta jista' jiċħad il-kompetenza tal-qorti ta' Għawdex; u meta l-għadd tal-konvenuti li joqogħdu fil-

Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta, kull wieħed mill-konvenuti li joqgħod fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna jista' jiċħad il-kompetenza tal-qorti ta' Malta.

(2) Meta waħda mill-partijiet tiċħad b'eċċezzjoni l-kompetenza tal-qorti, dik il-qorti ssir inkompetenti għall-partijiet kollha.

"Ma huwiex kontestat illi l-konvenuta *Malla Developers Limited* għandha titqies illi għandha r-residenza tagħha f'Għawdex, u illi l-konvenuta *San Lawrenz Leisure Resort Limited* għandha titqies illi għandha r-residenza tagħha f'Malta. Il-kwistjoni hija dwar ir-residenza tal-konvenut Joseph Baldacchino: l-atturi jgħidu illi, fil-waqt relevanti, *i.e.* meta nfetħet il-kawża, kellu r-residenza f'Malta, waqt illi hu jgħid illi kien joqgħod Għawdex. Billi l-għadd tal-konvenuti huwa tlieta, ir-residenza tal-konvenut Baldacchino hija determinanti għall-kompetenza.

"Il-karta ta' l-identità ta' Joseph Baldacchino turi illi joqgħod Għawdex, u jidher ukoll fuq ir-reġistru elettorali għal Għawdex. Madankollu, wara li semgħet lill-istess Joseph Baldacchino jixhed, il-qorti hija tal-fehma illi r-residenza tiegħu tassew hija u, fil-waqt relevanti kienet, f'Malta.

"Baldacchino xehed illi l-familja tiegħu toqgħod Malta, iżda, billi kien impenjat fuq proġett f'Għawdex, sab li kien aktar konvenjenti illi, sakemm jitlesta dak il-proġett, matul il-ġimgħa jorqod hemm, u jiġi lura Malta biss is-Sibtijiet u l-Ħdud. Tassew illi b'dan l-arranġament Baldacchino kien qiegħed iqatta' aktar żmien f'Għawdex milli f'Malta; madankollu, iċ-ċentru tal-ħajja tiegħu baqgħet Malta: id-dar tiegħu baqgħet dik ta' Malta, fid-dar ta' Malta baqgħu joqogħdu martu u wliedu, u l-ħin ħieles tiegħu jqattgħu f'Malta, mal-familja, u, meta tlesta l-proġett, baqa' Malta. Lanqas ma huwa determinanti l-fatt illi fuq il-karta ta' l-identità għandu indirizz f'Għawdex għax iċ-ċirkostanzi juru illi t-tagħrif illi bis-saħħa tiegħu nħarġet dik il-karta ta' l-identità huwa ħażin.

"Billi għalhekk tnejn mit-tliet konvenuti għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta, il-qorti kompetenti biex tisma' din il-kawża hija dik ta' Malta.

"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet mibnija fuq il-*privilegium fori* u tordna illi jitkompla quddiemha s-smigħ tal-kawża."

2.1. Minn din is-sentenza in parte dwar l-inkompetenza appellaw il-konvenuti kollha ghal fini ta' revoka tas-sentenza moghtija, b'talba ghall-akkoljiment ta' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti dwar l-inkompetenza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

2.2. L-appell tal-konvenuti, li jinsab redatt b'mod pjuttost sparpaljat, jista' jigi in succint migbur fis-segwenti aggravji, jigifieri:

(i) Illi l-provvediment li nghata huwa null u bla effett peress li l-eccezzjonijiet dwar inkompetenza kellhom jigu decizi permezz ta' sentenza u mhux b'semplici provvediment – kif jistipulaw tassattivament l-artikoli 234 u 730 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Fil-kaz li din il-Qorti ma tilqax l-appell in kwantu bbazat fuq l-ewwel aggravju, il-konvenut appellanti avanzaw aggravji fil-mertu. B'mod generali jsostnu li sakemm xi ligi partikolari ma tghidx xort'ohra, ir-residenza ta' persuna ghandha tkun ikkunsidrata li hi dik li tidher fuq il-karta ta' l-identita` taghha. B'mod partikolari, imbaghad, l-appellanti ma jaqblux ma' l-evalwazzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-ewwel grad dwar fejn kienet sewwa sew ir-residenza tal-konvenut appellant Joseph Baldacchino. Il-provi prodotti juru, bil-maqlub ta' dak li rriteniet l-ewwel Qorti, li dan il-konvenut kien fil-fatt, u ghal diversi snin, jghix u jirrisjedi gewwa Ghawdex u mhux Malta.

(iii) Apparti l-aggravju fil-mertu, din il-Qorti kellha inoltre tikkunsidra bhala null ukoll dak kollu li ddecidiet l-ewwel Qorti peress li din strahet biss fuq deposizzjonijiet mismughin *viva voce* u meta allura dawn kienu ghadhom ma gewx dattilografati. Anke meta l-appellanti gew biex

jintavolaw l-appell, dan l-istat ta' fatt kien ghadu l-istess u allura jigi li l-ewwel Qorti bbazat ruhha fuq atti non-ezistenti u kontra l-principju li *quod non est in actis non est in mundo*.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-ATTURI APPELLATI</u>**

3. L-appellati wiegbu, in sostanza, hekk:-

(i) Illi s-sentenza appellata hija gusta fil-fatt u fid-dritt u timmerita konferma, u kwindi l-appell interpost ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra l-appellanti.

(ii) Illi minbarra s-suespost, l-appell interpost huwa null u minghajr effett fil-ligi billi l-appellanti ma ottjenewx il-permess tal-Qorti sabiex isir l-appell. L-Artikoli 234 u 730 tal-Kap. 12 ma jnehhux tali obbligu. L-Artikolu 234 ghandu jigi abbinat ma' dak li jghid l-Artikolu 231 fis-sens li ghalkemm id-dritt ta' appell jezisti dwar kwistjonijiet specifikati f'dana l-Artikolu, l-appell ma jistax isir fil-mori ta' l-azzjoni principali <u>hlief</u> bil-permess tal-Qorti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Jibda biex jigi rilevat li fil-korp tar-risposta taghhom ghall-appell interpost, l-appellati ssollevaw in-nullita` ta' dana l-appell in kwantu jghidu li l-appellanti:

"ma ottjenewx il-permess tal-Qorti sabiex isir l-appell "

Dejjem skond l-appellati, l-Artikoli 234 u 730 tal-Kap. 12 ma jnehhux l-obbligu li jingieb il-permess tal-Qorti. Skond l-Artikolu 231, kif emendat, ma jistax isir appell minn sentenza parzjali qabel ma tinghata s-sentenza hlief bil-permess tal-Qorti. Jghidu li l-Artikolu 234 tal-Kap. 12 "ghandu ghalhekk jigi abbinat ma' dak li jghid l-Artikolu 231 fis-sens li ghalkemm wiehed ghandu d-dritt li jappella mill-kwistjonijiet specifikati fl-Artikolu 234, l-appell ma jistax isir fil-mori ta' l-azzjoni principali hlief, bil-permess tal-Qorti."

5. Bhala fatt, minn ezami ta' l-atti tal-kawza <u>ma jidhirx li ntalab xi permess biex isir appell</u>. Din il-Qorti tat il-fakolta` liz-zewg nahat "biex jipprezentaw nota ta' riferenzi ghad-disposizzjonijiet tal-ligi u sentenzi riferibbilment ghal pregudizzjali ta' l-appellabbilita` o meno mqajma mill-

appellat" (ara verbal datat 21 ta' Marzu 2007) pero` <u>hadd</u> mill-partijiet ma jidher li uzufruwixxa minn tali fakolta`.

6. L-Artikolu 231(1) tal-Kap. 12 huwa car sufficjentiment meta jistipula kif gej:-
"Jekk diversi kwistjonjiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:

"Izda appell minn dawk is-sentenzi separati <u>jista' jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-qorti moghti fil-qorti bil-miftuh</u>; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza..." (sottolinear tal-Qorti).

L-Artikolu 234 tal-Kap. 12 pero` johloq possibilita` diversa minn dik imsemmija fl-Artikolu 231, sucitat, billi jipprovdi li gej,
"Bla hsara ta' disposizzjonijiet specjali ohra ta' dan il-Kodici dwar l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza minhabba x-xorta tal-haga fil-kawza, <u>minn kull sentenza moghtija minn kull qorti fuq il-kompetenza taghha li tiehu konjizzjoni mill-kawza, jista' jsir appell</u>; u l-qorti tista' twaqqaf is-smigh tal-kawza sakemm jinqata' dak il-punt fil-qorti fi grad ta' appell, meta ebda wahda mill-partijiet ma tipprova lill-qorti, li t-twaqqif tas-smigh tal-kawza jista' jkun ta' hsara ghaliha". (Sottolinear tal-Qorti)

7. Evidentement dan l-Artikolu 234 gie inserit mil-legislatur bi skop u mhux ghal xejn . Ghalkemm id-dicitura tieghu setghet kienet wahda aktar felici u ezawrjenti, jidher ovvju li l-legislatur ried jimxi b'mod differenti fil-kaz ta' decizjonijiet moghtijin mill-Qorti dwar il-kompetenza taghha li tiehu konjizzjoni ta' kawza. Mhux hekk biss, imma l-istess artikolu jifred u jiddistingwi bejn decizjonijiet simili minn ohrajn li ghalkemm huma wkoll relatati ma' kwestjonjiet ta' kompetenza o meno, tali eccezzjoni tkun ibbazata fuq "ix-xorta tal-haga", jigifieri

*ratione materiae*. Issa huwa pacifiku li fil-kaz in ezami d-decizjoni li nghatat mill-Qorti ta' l-ewwel grad m'hijiex wahda bbazata fuq inkompetenza *ratione materiae* izda fuq l-eccezzjoni tal-*privilegium fori*. Mela darba li l-ligi stess qeghda taghti l-fakolta` li jsir appell bla ma tinkludi l-htiega ta' permess *ad hoc*, allura ghandu jsegwi li fil-kaz in ezami, il-konvenuti setghu jinterponu appell minn dak li gie deciz dwar il-kompetenza taghha mill-ewwel Qorti, kif fil-fatt ghamlu, u li jfisser ukoll li l-appellati m'ghandhomx ragun f'dak li eccepew taht dana l-aspett u dan ghandu jigi wkoll rifless ulterjorment fil-kap ta' l-ispejjez.

8. Bhala l-ewwel aggravju, wiehed ta' indole legali, u dan apparti minn lanjanza li d-deposizzjonijiet kien ghadhom ma gewx traskritti sal-mument li gie intavolat l-appell, l-appellanti jissottomettu li galadarba jirrizulta li l-ewwel Qorti adoperat it-terminu "provvediment" minflok "sentenza" fil-korp ta' dak li ddecidiet, konsegwentement l-imsemmi provvediment kien null u bla effett u dana peress li l-eccezzjonijiet ta' l-inkompetenza "kellhom jigu decizi permezz ta' sentenza u mhux b'semplici provvediment – dan kif jirrizulta b'mod tassattiv mill-artikoli 234 u 734 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12".

9. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dana l-aggravju huwa wiehed altament fieragh. It-terminu wiesgha u generiku ta' "provvediment" jinkludi fih ukoll it-terminu u l-import legali ta' "sentenza". Anke digrieti moghtijin mill-Qorti jista' jkollhom portata legali differenti minn wiehed ghal iehor. Digriet interlokutorju huwa differenti, per ezempju, minn digriet li jkun iddetermina in definittiva punt partikolari dwar il-ligi. Meta l-ewwel Qorti adoperat it-terminu "provvediment" hija ma kienet qeghda tinkorri f'ebda zball bhax-xorta msemmi mill-appellanti. Jekk imbaghad l-istess appellanti riedu jaccertaw ruhhom dwar il-vera natura ta' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti bl-imsemmi provvediment, kien ikun bizzejjed ghalihom li jiehdu konjizzjoni ta' dak li gie vverbalizzat mill-Qorti ta' l-ewwel grad fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2006 (ara fol. 227 tal-process) fejn tnizzel kjarament hekk,

"Inghatat sentenza dwar l-eccezzjoni ta' inkompetenza".

Isegwi ghalhekk li dan l-aggravju huwa priv minn kull sostanza, u kien intiz biss biex jipprova jikkomplika l-andament tal-kawza bla bzonn.

10. L-appellanti jilmentaw li d-deposizzjonijiet ma kenux ghadhom gew dattilografati sal-mument li l-Qorti ghaddiet biex tiddeciedi dwar l-eccezzjoni ta' inkompetenza u lanqas meta huma waslu biex jinterponu appell. Issa ghalkemm huwa dejjem desiderabbli li t-traskrizzjonijiet tad-deposizzjonijiet ghandhom isiru _quam celerrime_ pero` m'ghandhomx ragun l-appellanti li jsostnu li dan l-allegat nuqqas "ghandu jwassal ghat-thassir ta' l-imsemmi provvediment". Minflok ma kkoncentraw fuq il-possibbilita` li jintravvedu xi nullita` x'imkien, kien ikun ahjar ghall-appellanti li jimxu b'lealta` lejn il-Qorti. L-appellanti m'humiex jissottomettu li l-ewwel Qorti ccitat jew irriferiet ghall-fatti b'mod li ma kienx jirrispekkja fedelment dak li gie depost mix-xhieda. L-ilment taghhom huwa dwar l-interpretazzjoni ta' dawn l-istess fatti u ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda nullita` fil-mod kif ipprocediet l-ewwel Qorti, li quddiemha nstemghu _viva voce_ l-istess xhieda.

11. Fil-mertu, l-appellanti jissottomettu li kien hemm apprezzament ghal kollox skorrett min-naha ta' l-ewwel Qorti dwar ir-residenza vera u proprju tal-konvenut appellant Joseph Baldacchino. Il-provi kollha, inkluza l-karta ta' l-identita` tieghu, kienu juru inkonfondibilment li r-residenza tieghu kienet fil-gzira ta' Ghawdex u mhux Malta u kwindi messu gie mharrek f'Ghawdex ukoll. Jidher inoltre li l-ewwel Qorti, dejjem skond l-appellanti, "applikat ghall-kuncett ta' residenza principji aktar applikabbli ghall-kuncett ta' domicilju kif mifhum fid-dritt internazzjonali [privat] Ingliz". Ghal aktar minn sena, l-appellanti Baldacchino kien abitwalment jorqod Ghawdex, minkejja li l-familja tieghu kienet u baqghet tghix Malta.

12. Fil-fehma konsidrata tal-Qorti, il-konvenuti appellanti qeghdin iqajmu dak li bl-Ingliz tissejjah "a storm in a tea-cup". Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda moghtija relattivament ghall-punt dwar jekk bhala fatt setax jitqies li

l-konvenut appellant jirrisjedix Malta jew inkella fil-gzira ta’ Ghawdex, kif minnu eccepit u hija tal-fehma li fir-realta` dan il-konvenut – din id-darba l-Qorti sejra tinqeda’ bi frazi Maltija – kellu sieq wahda Malta u sieq ohra Ghawdex (ara s-sentenza ta’ din il-Qorti tat-3 ta’ Novembru 2000 fil-kawza fl-ismijiet Grima et v. Nutar E. Cefai, ghalkemm il-fatti f’dak l-appell kienu kemm xejn differenti). Mill-provi jemergi li dan il-konvenut kien akkwista appartament f’Ghawdex minhabba ragunijiet ta’ xoghol. Mill-bqija d-dar tieghu bil-familja tieghu kollha – martu u wliedu, jigifieri – baqghu jghixu u jirrisjedu fid-dar matrimonjali li tinsab fiz-Zurrieq, Malta. Qabel is-sena 2003, u meta dan il-konvenut akkwista appartament fil-Qala, Ghawdex, il-posizzjoni kienet is-segwenti (ara xiehda ta’ Joseph Baldacchino, a fol. 219 tal-process),
“(Imbaghad) wara kien hemm zmien fejn bdejt wara xi 2003 bdejt inkun fifty fifty nofs Malta u nofs Ghawdex. U minn sentejn u nofs, tliet snin ilu ‘l hawn iktar kont qieghed Ghawdex milli Malta.”

Issa ghalkemm jirrizulta li, nel frattemp, dan il-konvenut biddel l-indirizz tieghu fuq il-karta ta’ l-identita` (ara Dok. JB1, fol. 210 tal-process) ghal indirizz fil-Gzira ta’ Ghawdex u xehed fis-sens li prattikament huwa kien ikun prezenti Ghawdex, dejjem pero` ghal ragunijiet ta’ xoghol, fl-istess waqt ix-xiehda tieghu *viva voce* (ara fol. 221) m’hijiex daqstant wahda kategorika, anzi turi bic-car li l-posizzjoni baqghet, kif jistqarr hu stess “fifty fifty”. Di fatti, huwa *inter alia* jixhed hekk dwaru stess,
“Il-maggoranza tal-granet kont noqghod Ghawdex imbaghad fil-weekends daqqa ninzel is-Sibt u daqqa ninzel il-Gimgha pero` t-Tnejn jew it-Tlieta kont nitla’ u l-bicca l-kbira kont nitla’ dejjem it-Tlieta.”

Jista’ jinghad li xi hadd li jkun Ghawdex ghal ragunijiet ta’ xoghol pero` li jkun id-dar tieghu f’Malta bejn il-jum tal-Gimgha sal-jum tat-Tlieta, qieghed jirrisjedi Ghawdex? Ir-risposta hija fin-negattiv. Huwa minnu li l-karta ta’ l-identita` - li fuqha sahaq hafna l-konvenut Baldacchino – tohloq presunzjoni favur it-tezi tieghu imma, ta’ lanqas ghal fini tal-ligi tal-procedura relattivament ghal proceduri bil-Qorti, tali presunzjoni hija biss *juris tantum*. L-istess

appellant Joseph Baldacchino jirrikonoxxi *in parte* dan kollu meta fir-rikors ta' appell tieghu (ara fol. 9 fl-atti ta' l-appell, para 16) jippremetti hekk,
"16. Stante li l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma jistabilix il-mod dwar kif ghandha tigi determinata r-residenza ta' persuna....."

Fejn il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, ma taqbilx ma' l-appellant huwa meta jkompli bir-ragjonament tieghu hekk,
"Il-Qorti ghandha timxi fuq id-dokument ufficjali mahrug u rikonoxxut mill-Istat, cioe` fuq il-karta ta' l-identita`".

Il-Kodici ma jghid xejn minn dan. Dak li qieghed jissottometti l-appellant Baldacchino jibqa' ghalhekk argument li jista' jew ma jistax jigi accettat. Li kieku l-legislatur ried jistrieh unikament fuq dokument wiehed partikolari, kien jghidu. Din il-Qorti jidhrilha li m'ghandhiex tistrieh fuq il-karta ta' l-identita` biss u tieqaf hemm, imma ghandha invece thares lejn l-assjem tal-provi prodotti. Jezistu imbaghad kazi, u dan il-kaz jaqa' f'din il-kategorija, fejn konvenut ikun jista' jitharrek u jigi notifikat kemm f'Malta kif ukoll f'Ghawdex, proprju minhabba n-natura ambivalenti tal-mod kif ikun qieghed jaqsam hajtu l-konvenut bejn iz-zewg gzejjer. Dan apparti l-fatt li minkejja dak li hemm imnizzel fuq il-karta ta' l-identita` tieghu u minn dak li xehed huwa stess, din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha aktar inklinata tikkonkludi li fir-realta` r-residenza vera u proprja ta' Joseph Baldacchino kienet Malta u mhux Ghawdex. F'dan is-sens taghmel riferenza ghal dak li gie ritenut in propozitu mill-ewwel Qorti, ma' liema hija konkordi pjenament, u tieqaf hemm (ara fol. 229 tal-process):
"Baldacchino xehed illi l-familja tieghu toqghod Malta, izda, billi kien impenjat fuq progett f'Ghawdex, sab li kien aktar konvenjenti illi, sakemm jitlesta dak il-progett, matul il-gimgha jorqod hemm, u jigi lura Malta biss is-Sibtijiet u l-Hdud. Tassew illi b'dan l-arrangament Baldacchino kien iqatta' aktar zmien f'Ghawdex milli f'Malta; madankollu, ic-centru tal-hajja tieghu baqghet Malta: id-dar tieghu baqghet dik ta' Malta, fid-dar ta' Malta baqghu joqghodu martu u wliedu, u l-hin hieles tieghu jqattghu f'Malta, mal-familja, u, meta tlesta l-progett, baqa' Malta."

Ghalhekk l-aggravju fil-mertu huwa wkoll infondat u qieghed jigi respint.

13. Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, b'dana li l-ispejjez relattivi ghal dan l-appell jigu sopportati kwantu ghal kwart ($^1/_4$) mis-socjeta` attrici appellata, u r-rimanenti tlett kwarti ($^3/_4$) mill-konvenuti appellanti. Tordna li l-atti jigu minnufih rimessi mir-Registratur lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------